

Brussell, 4 ta' Diċembru 2017
(OR. fr)

15135/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0360B (COD)**

**CODEC 1953
EF 322
ECOFIN 1058
CCG 40**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' arranġamenti transizzjonali previsti biex jittaffa l-impatt tal-introduzzjoni tal-IFRS 9 fuq il-fondi proprji u għat-trattament tal-iskoperturi l-kbar ta' ċerti skoperturi fis-settur pubbliku denominati f'muniti differenti minn dawk domestiċi tal-Istati Membri (L-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-23 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fit-30 ta' Marzu 2017². Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-8 ta' Novembru 2017³.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fit-30 ta' Novembru 2017. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għandu għalhekk ikun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ dok. 14775/16.

² ĠU C 209, 30.6.2017, p. 36.

³ għadha mhix ippubblikata.

⁴ dok. 15059/17.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 59/17.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
